Torċa 20/2/11

# Jattendi għal taħriġ fil-Ju-Jitsu Brażiljan fl-Akkademja Roger Gracie ta' Londra





*LEMIN: Il-Ju-Jitsuka Malti, Charlo Spiteri, jippoża maż-żewġ kowċis b'ċinturin iswed, Lucio Rodrigues u Alex Faria u FUQ: Charlo Spiteri mal-grupp tal-Akkademja Roger Gracie ta' Londra wara li ggradwa għaċ-ċintorin blu bi strixxa sewda*

• Riċentament il-Ju-Jitsuka Malti Charlo Spiteri, ċinturin aħdar, ma' l-Akkademja Bushido Ju-Jitsu, attenda għal ġimgħa ta' taħriġ intensiv fil Ju-Jitsu Brazilian fl-Akkademja prestiġġjuża ta' Roger Gracie f'Londra.

Tul dawn l-aħħar sitt snin Charlo Spiteri tħarreġ b'mod intensiv fil-Goshin Jitsu taħt Sensei John Sevasta. It-taħriġ tal-Ju-Jitsu huwa varjat u jinkludi primarjamet l-oqsma tat-tfiegħ ma' l-art (Tachiwaza), daqqiet b'diversi partijiet tal-ġisem(Atemi Waza), ġlied u qbid ma' l-art (Newaza) u taħriġ bl-armi fosthom bsaten u skieken. Ebda teknika jew strateġija ma hija esklużа.

It-taħriġ tal-Ju-Jitsu fl-Akkademja Bushido tul is-snin dejjem ipprovda spazju u l-opportunità biex kull student jiżvilippa skont il-ħiliet u l-inklinazzjonijiet naturali tiegħu. Gradwalment Charlo għażel li jispeċjalizza fil-qasam tal-Ju-Jitsu magħruf bħala Newaza (taqbid ma' l-art). In Newaza minn dejjem kien jifforma parti integrali mit-taħriġ tal-Ju-Jitsu fl-Akkademja Bushido Ju-Jitsu u g-alhekk it-transazzjoni għal Ju-Jitsu Brażiljan kienet waħda faċli u naturali.

Il-Ju-Jitsu Brażiljan m'huwa xejn għajr speċjalizzazzjoni fin-Newaza(qbid ma' l-art) tal-Ju-Jitsu li evolva f'attività sportiva indipendenti tul dawn l-aħħar 15-il sena. Charlo Spiteri diġà ħa sehem f'diversi kompetizzjonijiet barra minn Malta fil-Ju-Jitsu Brażiljan u kien l-ewwel student ta' l-Akkademja li jitħarreġ ma' studenti ta' livell abjad imma wara ftit ġie mistieden jibda jitħarreġ ma' studenti ta' livell avvanzat sa ċinturin iswed. Din kienet okkażjoni unika għal Charlo li huwa l-ewwel student Malti tal-Ju-Jitsu li attenda għat-taħriġ fil-BJJ fl-Akkademja ta' Roger Gracie. Hemmhekk huwa iltaqa' ma' esponenti tal-BJJ minn diversi pajjiżi fosthom l-Amerika, il-Portugall u l-Brażil.

Bħala suldat fil-Forzi Armati ta' Malta, it-taħriġ fiżiku u militari huma parti integrali mill-ħajja ta' kuljum ta' Charlo. Dan it-taħriġ għen ukoll biex Charlo jkun ippreparat tajjeb għall-miġja tiegħu fil-"Roger Gracie Academy" ta' Londra. Hawnhekk ta' min jirringrazzja lil dawk l-uffiċjali għal Charlo u fl-aħħar għadda bl-unuri għax ġie pprezentat biċ-ċinturin "Blue" bi strixxa sewda. Charlo nħatar ukoll bħala r-rappreżentant uffiċjali ta' Roger Gracie u l-Akkademja tiegħu hawn Malta. Charlo Spiteri nħatar ukoll bħala l-kowċ uffiċjali tal-Ju-Jitsu Brażiljan fl Akkademja Maltija Bushido Ju-Jitsu.

L-Akkademja Bushido Ju-Jitsu Maltija tifraħ u tawgura lil Charlo għas-suċċess li kiseb